MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 2008/2001/1

**A B C**
**vs**
**D E C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici zzewget lill-konvenut fil-25 ta’ Novembru 1980 (Dok. B), minn liema zwieg il-konjugi C kellhom zewg ulied, li huma F ta’ 16-il sena (Dok. C) u G ta’ 8 snin (Dok. D);

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-kontedenti saret impossibli minhabba li l-konvenut rrenda ruhu hati ta’ eccessi, mohqrija, theddid, u ingurji gravi versu l-attrici;

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet flimkien saret impossibli htija esklussiva tal-konvenut, u b' hekk iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

Premess illi l-attrici kienet kostretta mill-imgieba tal-konvenut li thalli d-dar matrimonjali flimkien ma' wliedha u tmur tghix ghand terzi;

Premess illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni kontenzjuza permezz ta' Digriet tas-Sekond' Awla numru 617/2001, hawn anness bhala dokument E, permezz ta' liema digriet l-attrici giet appuntata kuratrici ad litem ta' l-imsemmija ulied minuri.

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti b' tort uniku tal-konvenut, u ghall-finijiet ta' l-Artikolu 48(C) tal-Kodici Civili tistabbilixxi d-data minn meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attrici li tghix separata minn zewgha *a mensa et thoro;*

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti skond Artikolu 55 tal-Kodici Civili;

4. Tillikwida u taqsam il-beni kollha li jikkostitwixxu l-komunjoni ta' l-akkwisti f' zewg porzjonijiet, wiehed li jigi assenjat lill-attrici u wiehed li jigi assenjat lill-konvenut, u dan skond kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fid-dawl ta' l-Artikolu 48 subinciz (1) (C) u ta' Artikolu 53 tal-Kodici Civili;

5. Tawtorizza lill-attrici tirriprendi l-pussess tal-beni parafernali taghha;

6. Tqieghed lill-minuri F u G fil-kura u kustodja ta' l-attrici;

7. Tordna lill-konvenuta ihallas lill-attrici dik ir-rata ta' manteniment li jidhrilha xierqa kemm ghaliha kif ukoll ghal uliedhom minuri F u G, a tenur ta' Artikolu 54 tal-Kodici Civili, liema manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga u sussegwentement mill-pensjoni tal-konvenut.

8. Tiddikjara li l-konvenut ddekada mid-drittijiet tieghu elenkati f' Artikolu 48 subinciz (1) tal-Kodici Civili, u dan bl-applikazzjoni ta' Artikolu 51 ta' l-istess Kodici Civili;

9. Tordna lill-konvenut johrog mid-dar konjugali u tawtorizza lill-attrici u uliedha biex ai termini ta' Artikolu 55A tal-Kodici Civili jirrisjedu fid-dar matrimonjali li ggib l-indirizz Flat 6 Blokk H, Qasam ta' Ganza, Zejtun.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, inkluzi dawk tas-Sekond' Awla, kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa: fol.38;

1. Illi filwaqt li l-eccipjent jaqbel li hemm lok li tigi pronunzjata s-separazzjoni legali bejnu u bejn martu, huwa ma jaqbilx li z-zwieg taghhom tkisser bi htija tieghu kif qed tallega l-attrici. Infatti l-attrici rrendiet ruhha hatja ta' adulterju u kkomportat ruhha xort' ohra b' mod illi mhux kompatibbli mal-hajja mizzewga.

2. Illi l-eccipjent ma jopponix ghat-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici, bl-applikazzjoni pero' tal-ligi senjatament ghar-rigward tal-fatt ta' l-adulterju taghha.

3. Illi ghar-rigward tas-sitt talba attrici, l-eccipjent jopponi ghall-fatt li uliedu jibqghu jigu esposti ghall-presenza tat-terz li mieghu l-attrici ghandha relazzjoni.

4. Illi fid-dawl tal-premess l-attrici mhi intitolata ghal ebda manteniment ghaliha; u dan oltre l-fatt li hija tahdem.

5. Illi ghar-rigward tat-tmien talba attrici, ma hemmx lok ghad-dekadenza li qed tintalab.

6. Illi lanqas ma hemm lok li tigi akkolta d-disa' talba attrici.

7. Bir-riserva espressa ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kap.16 unikament imputabbli lill-konvenut; kif ukoll sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali tas-separazzjoni.

Il-konvenut minn naha tieghu, filwaqt li jaqbel mat-talba ghas-separazzjoni personali, jsostni li din hija attribwibbli unikament lill-attrici li rrendiet ruhha hatja fit-termini ta' l-Artikolu 38, u ta' komportament mhux kompatibbli mal-hajja mizzewwga.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu zzewwgu fil-25 ta' Novembru 1980 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt it-tfal Katheleen u G, li llum G biss ghadha minorenni.

Illi in sostanza l-versjoni attrici hi fis-sens li l-konvenut kien xhih maghha u kien ihalliha nieqsa mill-flus b' mod li hi kien ikollha tohrog tahdem biex izzomm il-familja u anke thallas kontijiet relatati mad-dar, u dan nonostante li l-konvenut kellu zewg jobs. Hija tghid li kien jaghtija Lm40 kull gimghatejn li minnhom trid thallas l-ispejjez kollha tad-dar, bzonnijiet tal-familja, u ikel ghaliha, ghaz-zewg uliedha u anke ghall-istess konvenut. Irrakontant li meta kienet titlobu l-flus il-konvenut kien isir vjolenti u kien hemm okkazzjoni meta esercita vjolenza fizika fuqha.

Illi l-versjoni tal-konvenut hija principalment fis-sens li wara tmien snin mid-data taz-zwieg l-attrici bdiet tkun infidilha lejh u li kienet tiffrekwenta lil certu Raymond Zarb. Huwa jakkuza lill-attrici b' adulterju.

Illi l-Qorti wara ezami tal-provi tosserva li, filwaqt li l-versjoni attrici hija fil-maggjor parti taghha konfermata minn ohtha, l-imputazzjoni tal-konvenut ta' adulterju ma tinsabx korroborota, u anzi, giet negata mill-istess Raymond Zarb. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti hija tal-fehma li l-fonti tad-dizgwid bejn il-partijiet kienet in-nuqqas da parti tal-konvenut li jipprovdi manteniment adegwat lilha u liz-zewg uliedhom anke meta dana kellu impjieg u kien qed jahdem xoghol iehor. Dan kien jikkrea diffikulta' kbira lill-attrici li okkazzjonalment kienet tissellef minghand hutha sabiex tkampa ma' l-ispejjez. Il-Qorti tirravvisa f' dan in-nuqqas da parti tal-konvenut, li kien ihalli lill-attrici tfendi ghar-rasha, anke meta dina kienet qeda tiehu hsieb waheda t-trobbija taz-zewg uliedhom, bhala sevizzi fit-termini ta' l-Artikolu 40 tal-kap.16. Inoltre, id-dizgwid li dan in-nuqqas kien konsistentement jkkrea bejn il-partijiet wasslet ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg.

**Kura u Kustodja**

Illi llum dan il-kap japplika biss ghat-tifla G li ghandha 13 il-sena, filwaqt li t-tifla l-kbira hija maggjorenni. Ma ghandux ikun hemm dubju li l-kura u kustodja ta' din il-minuri li dejjem ghexet qrib ommha u trabbiet minnha ghandha tigi fdata esklussivament f' idejn l-attrici bid-dritt ta' access liberu ghal missier, bi qbil dwar il-modalita' ta' access mal-minuri tenut kont ta' l-impenji taghha skolastici u extra kurrikulari.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi bazikament din tikkonsisti fl-inkwilinat tad-dar matrimonjali, Block H, Flat 6 Housing Estarte Ta' Ganza Zejtun, mikriha minnghand il-Gvern, parti mill-mobbli tad-dar [u cioe' dik li l-attrici xtrat waqt iz-zwieg mill-flus li kienet taqla'] u l-van tal-ghamla TATA. L-attrici tispecifika l-ghamara dotali li hija gabet fiz-zwieg, filwaqt li l-konvenut

jghid li hareg xi flus biex saru xi xogholijet fid-dar matrimonjali: Il-provi in propositu huma skarsi.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tikkunsidera gusta u xierqa s-segwenti assenjazzjoni:

[1] li l-inkwilinat tad-dar matrimonjali qed jigi assenjat lill-attrici u ghandu jdur fuqha; u li l-attrici ghandha d-dritt li tibqa' tghix f' din id-dar flimkien ma' uliedhom, ad eskluzjoni ta' zewgha;

[2] li l-mobbli kollha ezistenti fid-dar matrmonjali qed jigu assenjati in piena proprjeta' lill-attrici;

[3] li l-van TATA qed jigi assenjat in piena proprjeta' lill-konvenut;

[4] li kull dejn eventwalment maghmul mill-konvenut ghandu jithallas esklussivament mill-istess konvenut;

[5] li l-kontijiet tad-dawl u ilma pendenti sad-data ta' dan il-gudizzju ghandhu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

Il-Qorti tosserva li sehem l-attrici mill-van TATA qed jigi assenjat lill-konvenut in kumpens ta' sehemu mill-mobbli formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u xi spejjez ta' xogholijiet li ghamel fid-dar matrimonjali. Il-Qorti tirribadixxi li l-provi in propositu huma skarsi.

**Manteniment**

Illi skond digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili l-konvenut kien gie ordnat jivversa lill-attrici kull xahar is-somma ta' Lm50 bhala manteniment ghaliha u Lm90 bhala manteniment ghaz-zewg uliedhom, dak iz-zmien minuri, b' kollox Lm140 li sussegwentement il-manteniment beda jithallas kull erba gimghat fl-ammont globali ta' Lm129.23.

Illi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut sostna l-konvenut waqaf, fil-mori tal-proceduri, milli jhallas il-manteniment dovut, stante li "in segwitu ghal kirurgija estensiva ta' by pass li kellu jussubixxi huwa beda jircevi l-pensjoni ghall-invalidita'"; izda l-unika prova li gab in propositu hija kopja ta' ittra mibghuta lill-konvenut mid-

dipartiment tas-Sigurta' Socjali, li turi li fix-xahar ta' Frar/Marzu huwa ppercepixxa beneficju ta' l-invalidita' fl-ammont ta' Lm143.20.

Anke f' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li l-provi huma skarsi ghall-ahhar; izda ma jistax jigi njorat li l-konvenut qed jiehu pensjoni ta' l-invalidita' u ghalhekk, rebus sic stantibus, il-Qorti thoss li, rebus sic stantibus, il-manteniment li ghandu jhallas il-konvenut bhala l-persuna hatja tas-separazzjoni hija ta' hamsa u tletin fil-mija [35%] ta' kull beneficju u assistenza socjali percepit minnu, u ta' kull dhul li talvolta jista' jkollu; liema percentagg jigi ridott ghal-hamsa u ghoxrin fil-mija [25%] malli l-minuri G tghalaq it-tmientax il-sena.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti mid-data ta' dan il-gudizzju, u dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

[2] tilqa' t-tieni talba;

[3] tilqa' it-tielet talba;

[4] tilqa' r-raba talba fis-sens li tillikwida u taqsam il-komunjoni ta' l-akkwisti kif fuq dettaljatament indikat;

[5] tilqa' il-hames talba billi tawtorizza lill-attrici tirriprendi l-pussess tal-mobbli ezistenti fid-dar konjugali, kemm il-darba dawn mhumiex diga' qedin fil-pussess taghha;

[6] tilqa' is-sitt talba fis-sens li tafda l-kura u kustodja tal-minuri G lill-attrici bid-dritt ta' access liberu ghal missier kif fuq indikat;

[7] tilqa' s-seba talba u tordna lill-konvenut jhallas lill-attrici percentagg ta' hamsa u tletin fil-mija [35%] minn kull beneficju u assistenza socjali percepit minnu, u ta' kull dhul li talvolta jista' jkollu; liema percentagg jigi ridott ghal-

hamsa u ghoxrin fil-mija [25%] malli l-minuri G tghalaq it-tmientax il-sena;

[8] tichad it-tmien talba, stante li ma hemmx lok ghall-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 48;

[9] tilqa’ id-disa talba u tawtorizza lill-attrici tabita fid-dar mantrimonjali fl-indirizz Flat 6 Blokk H, Qasam ta’ Ganza Zejtun, ad eskluzjoni tal-konvenut, li huwa ordnat jzgombra mill-imsemmi fond fi zmien xahar millum;

L-ispejjes kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------